# <u>DUN GORG U BIRKIRKARA</u>

Veru li dan il-qassis provvidenzjali malti qatt ma tbiegħed mix-xtut ta' Malta tagħna, iżda xewqtu u ħsibijietu kienu li l-aħbar it-tajba li hu tant ħaseb u talab fuqha, meta kien iqalleb il-Ktieb tal-Kelma ta' Alla, tant xtaq li din il-bxara t-tajba tkun f'idejn il-poplu u titwassal sa l-ibgħad trufijiet ta' l-art. Qrib tmiem ta' ħajtu (li ntemmet fis-sena 1962), Dun Gorg xtaq li numru mdaqqas ta' soċl jmorru l-Awstralja, fosthom kien hemm il-karkariżi Ganni Micallef u Giuseppi Sacco (Novembru 1955) hu bierek b'barka speċjali lil dawk il-membri tas-soċjeta' mwaqqfa minnu li kienu destinati lejn il-kontinent ta' l-Awstralja, fejn diversi minn ħutna maltin, fosthom is-soċju karkariż Neriku Brincat diga' go Adelaide. Dawn ħallew art twelidhom biex hemm isibu t-tieni dar tagħhom.

Kull malti li b'xi mod kellu kuntatt ma'din is-soċjeta' jew iltaqa' u sema' il-kelma perswassiva tiegħu, feraħ fuq li feraħ meta snin wara li hu ġie beatifikat mill-mibki Papa Ġwanni Pawlu II. Il-Papa ta' warajh, wara studju u eżamijiet mediċl bir-reqqa dwar miraklu li sar bl-interċessjoni tiegħu, għoġbu jgħollih għall-unur ta' l-artali. San Ġorġ Preca, mudell tal-katekisti u xandar tal-Vanġelu. Il-motto tiegħu sar issa aktar magħruf: **"kunu ħbieb ta' l-Evanġelju"** Kemm irsista dan il-Fundatur biex kliem Ġesu' li tah il-laqam **LEĦEN IL-MAĦBUB** ikun magħruf, mgħallem u mxandar lil kulħad**d. Il-Verbum caro factum est li t**ant daħlet f'qalbu u moħħu u fommu xtaq li tkun id-distintiv mhux biss tal-membri tiegħu iżda minquxa u miktuba f'ħafna postijiet ta' qima

Fil-bidu tas-seklu l-ieħor it-tagħlim tal-katekiżmu f'Birkirkara kien isir fil-knejjes filjali bħal knisja ta' San Pawl. Dak iż-żmien il-kanonku Dun Mikiel Sammut, kull nhar ta' Hadd filgħodu kien jieħu numru kbir ta' żgħażagħ bil-mixi u jmorru għand is-Salesjani Sliema. Hawn nibtet l-idea li f'Birkirkara jkollna oratorju festiv fuq il-linji ta' Dun Bosco fejn tinghata formazzjoni sħiħa lill-ġuvintur. L-Oratorju San Domenico Savio tlesta fl-1910 meta Dun Gorg kien diġa waqqaf uffiċjalment il-mużew 1907. Kien sar proċess biex jiġl regolat it-tagħlim .tad-Duttrina f'Birkirkara dwar it-tqassim tat-tagħlim tal-katekiżmu f'Birkirkara . Dan ġie ratifikat fil-11 ta'Ġunju 1930 quddiem in-Nutar Luigi Pace Forno , minn Mons Carmelo Bonnici Prepostu, Mons Gius. Depiro, Superjur ta' l-MSSSP Dun Gorg Preca u żewġ xhieda Dun Mikiel Callus MSSP u Dun Gużepp Spiteri MSSP

Kemm smajna u qrajna fuq Dun Gorg fix-xhur li ghaddew, kemm stampi, films ritratti ittieħdu u nżammu bħala tifkira. Iżda b'ċertu diżappunt kont nistenna li Birkirkara, kellha tissemma. F'dan ir-raħal jeżistu bosta tifkiriet tiegħu. Hu għadda perijodu ta' żmien f'Birkirkara meta missieru kellu xogħol hawnhekk Hawn spiss kien jiġl, kemm biex jagħmel konferenzi lill-membri tal-mużew, taħdit lit-tfal, diskorsi fis-sajdiet, niex li jmorru jiltaqgħqu miegħu fit-triq lejn id-djar tad-Duttrina. Kien igħaddi fil-Kolleġġjata tagħna, jinxteħet quddiem Ġesu' Ewkaristija u mhux l-ewwel darba li kien igħid il-Brevjar mal-Kanonku Dun Karm Bezzina. Jingħad li Dun Gorg u l-Kanonku Bezzina għamlu prietka forma ta' disputa tant interessanti fost is-semmiegħa. Ma rridux ninsew li l-Fundatur bosta drabi kien jiġl hawn filgħodu, imur fil-Qasam XVII ta' Sqaq Nannuwa u jgħaddi ħinijiet mhedi fit-talb. Kien lokal,

għamla ta' kjostru u li fih tinġabar biex titlob. Kien jinduna bih is-Superjur Ġanni Mamo magħruf fostna bħala ta' Karla li kien iwassallu xi ftit kafe'. F'dak il-qasam inħoss li għadu jidwi leħnu, kemm meta kien ilaqqa' s-semmiegħa fil-bitħa spazjuża kif ukoll xi drabi fuq il-bejt. Għajb li bosta mis-soċl kemm nisa kif ukoll irġiel. li għexu miegħu u li kellhom kuntatt miegħu illum marru qablu jiltaqgħu mal-Mulej. Niftakar f'Rokku Borg u ħuh Fonzu li miet b'diżgrazzja ta' karozza fl-Imsida fejn mar igħallem id-Duttrina.

Is-Soċl maskili anzjani fosthom Ġużeppi Borg, Mikiel Agius tal-qsari, Karmu Borg ta' Majru kif ukoll oħrajn bħall aħwa Gius u Ružar Maniscalco, Antonio Duca, Salvu Mallia, Indri Borg, Carmelo Sciberras u huh Toni li kien soċju ntern, lil Emidio u Karmenu Callus u s-Superjur Generali Ġeġe' Borg, li sikwit kien jasal sal-qasam ta' Nannuwa, mnejn ħarġu tant qassisin, patrijiet u missirijiet ta' familja. Bosta kanonċl kienu membri nkorporati tas-soċieta' bħal kanonku Dun Ġużepp Zahra li tant baqa' magħġun fih l-ispirtu mużewmin; hu kien jattendi f'laqgħat ta' Dun Gorg u li tant kien irsista għall-akkwist tal-qasam tal-mużew ta Sacred Heart Street. Kellu kontribut kbir il-Kantur Dun Anton Mallia fl-akkwist u l-bini tal-qasam bniet ta' Triq il-Vitorja

Kienet tassew f'waqtha l-inizjattiva tas-superjura Carmen Zammit li għal aktar minn sbatax il-sena tiġl minn Hal-Qormi, billi ilha tant snin nkarigata mill-qasam tal-bniet ta' Triq Brared, qasam li fih kellu parti kbira fil-lokal l-ex superjur Gius.Galea mlaqqam tal-mewt. Carmen bil-permessi meħtieġa pprokurat li fuq il-ħirża tal-bir fejn Dun Gorg kien joqgħod biex ikellem il-folol issir statwa life size magħmula mill-fibre tal-Fundatur bil-qegħda fis-sura tiegħu waqt li kien igħallem. Carmen ħadet ħsieb li titfakkar b'mod xieraq il-preżenza frekwenti tal-Fundatur għat-tagħlim tal-poplu, tant imxennaq għal tagħlimu. Nixtieq li jitqallbu l-annali ta' dan il-qasam u joħorġu fil-beraħ ġrajja nteressanti bħal dawk l- l-assistant superjur Carmel Calleja tal-Mużew ta' Nannuwa, b'reqqa kbira ġabar tagħrif interessanti. Dun Gorg kien jiġl fl-għalqa tal-Paromu, fej kienu jinġabu t-tfal u ma kienx iqisha bi tqila jtellaq xi waħda magħhom. Kien għadu ma nkeriex il-post storiku ta' Sqaq Nannuwa, li Dun Gorg laqqmu il-qasam ta' Mamo (li tiegħu kien superjur 1923-1949). Fi żmien il-gwerra il-post laqa' fih xi rifuġjati li fosthom niftakar lis-servjent ta' l-epistularju Carmelo Zahra u lis-Surmast ta' l-iskola certu Zammit

Dun Gorg kien jattendi wkoll il-qasam subien ta' Triq il-Qalb Imqaddsa (Qasam XXXVII), il-qasam ġdid mibni fil-bidu tal ministeru saċerdotali tal-kanonku Zahra fl-1942, il-post li ssostitwixxa l-garage tal-fabbrika tal-madum tal-Fleur-de-lys illum qasam tassew floridu u attrezzat u li hu estż ukoll għal diversi branches.

Hawn kienu jsiru l-irtiri għas-soċl li ser ikunu jnkorporaw f'Gunju ta' wara. Niftakar dak tas-sena 1947 sittin sena ilu, bil-preżenza ta' Dun Gorg; waqt ħin l-ikel, igiddem il-biċċa ħobż li kellu miegħu

F'Birkirkara wkoll Dun Ġorg kien ibierek u jqassam il-ħelu lil dawk preżenti, min jieklu, min jerfgħu għall-morda. Ta' Karla kien jagħmel tajjeb, kif ukoll Wenzu Grima l-Ħaċċ. Dun Gorg kellu tattika meta taħdita kienet ser taqbeż il-limiti tal-ħin. Arah jivvinta speċl ta' festa bl-ilħa ta' min ibigġ il-pastizzi, il-qubbajt u l-festa taċ-ċikċifogu. Waqt li kienet tintemm it-tensjoni tas-semmiegħa, arah ikompli l-lezzjoni

Nagħlaq billi nistieden lil qarrejja li jiftakru aktar minni gġejdut u konnessjonijiet ta' bniedem hekk kbir quddiem Alla u tant meqjum mill-bnedmin.

**14 ta' Gunju 2007** **Anton Mallia Borg**